MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH AZZOPARDI

Seduta tas-27 ta' Novembru, 2013

Citazzjoni Numru. 611/2013

**Daniel Zerafa**

**-vs-**

**Joseph Aquilina u Raymond Aquilina**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ġuramentat ippreżentat mill-attur Daniel Zerafa fl-24 ta' Ġunju 2013 li permezz tiegħu ġie premess:

Illi l-esponenti għandu fil-pussess tiegħu raba' lilu mħollija mill-Gvern ta' Malta, Dipartiment tal-Artijiet magħrufa bħala Tenement 52573, Site B, li tinsab Għar Ħasan, limiti ta' Birżebbuġa, ta' kejl ta' ċirka 5827 metri kwadri bil-kera ta' (€12.23) tnax-il Ewro u tlieta u għoxrin ċenteżmu fis-sena, u dan kif jirriżulta mill-ittra ta' rikonoxximent datata 14 ta' Ġunju 1999 maħruġa lill-esponent mid-Dipartiment

tal-Artijiet (Dok A) flimkien mal-pjanti hawn annessi (Dok B);

Illi l-intimati jokkupaw għelieqi biswit l-għalqa tal-esponent;

Illi reċentement l-intimati jew min minnhom illegalment u abbużivament bdew jibnu ċint fl-għalqa mikrija lill-istess esponenti bl-iskop li jinħoloq passaġġ fuq l-għalqa tal-esponenti segregat mill-kumplament tal-għalqa u konsegwentament approprjaw parti mill-għalqa mikrija u fil-pussess tal-istess esponent (ritratti mmarkati Dok C);

Illi rrispettivament dwar jekk jeżistux jew li dritt ta’ passaġġ fuq l-istess raba’ mikrija lil terzi jew fil-pussess ta’ terzi billi jissegrega dik il-parti mill-kumplament tal-għalqa anke jekk jippretendi li għandu xi forma ta’ dritt ta’ passaġġ fuq l-istess għalqa, in kwantu tali aġir jammonta għal spoll skond il-liġi liema dritt ta’ passaġġ f’kull każ huwa ikkonstestat;

Illi għalhekk l-intimati jew min minnhom ikkommettew spoll kontra r-rikorrenti fl-istess għalqa u b’hekk illegalment u abbużivament spoljaw lill-esponenti mill-pussess li kellu fl-għalqa;

Illi l-esponenti interpella lill-intimati permezz ta’ ittra legali datata 28 ta’ Mejju 2013, iżda baqgħu inadempjenti;

Illi l-esponenti jaf b’dawn il-fatti personalment.

Jgħidu għalhekk l-intimati għaliex m’għandhiex din l-Onorabbli Qorti previż kwalsiasi dikjarazzjoni neċessarja u opportuna:

a. Tiddikjara lill-istess intimati jew min minnhom ikkommettew spoll kontra l-esponenti bl-aġir tagħhom fuq imsemmi;

b. Tikkundanna lill-istess intimati jew minn minnhom sabiex fi żmien qasir u perentorju jirrintegraw lill-esponenti fil-pussess sħiħ u użu tal-għalqa lilu mikrija magħrufa bħala tenement 52573, site B, li tinsab Għar Ħasan limiti

ta’ B’Buġia, billi tordnalhom partikolarment ineħħu ċ-ċnagen u ċ-ċint mqiegħda fl-għalqa sabiex l-esponenti jiġi re-integrat fid-drittijiet tiegħu li minnhom ġie spoljat mill-intimati jew min minnhom u dana, jekk ikun il-każ, taħt id-direzzjoni okkorrendo ta’ periti nominandi;

c. In difett tawtoriżża lill-esponenti biex jagħmel ix-xogħlijiet kollha rimedjali, inkluż it-tneħħija taċ-ċnagen u ċint li l-intimati jew min minnhom qegħdu fl-għalqa mikrija lill-esponenti, u dana taħt is-superviżjoni tal-istess perit imqabbad mill-Qorti a spejjeż tal-intimati jew min minnhom, u dan *ai termini* tal-artikolu 791 tal-Kapitlu 12.

Bl-ispejjeż inkluż dawk tal-ittra legali datata 28 ta’ Mejju 2013 u bl-inġunzjoni tal-intimat għas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-attur u l-lista tax-xhieda.

Rat in-nota tal-konvenuti preżentata fit-2 t’Ottubru 2013 li permezz tagħha ddikjaraw li huma neħħew iċ-ċint imsemmi fir-rikors;

Semgħet lill-attur li kkonferma bil-ġurament li dan fil-fatt tneħħa wara li huwa stitwixxa l-azzjoni u għalhekk il-mertu ġie eżawrit;

Rat illi l-konvenuti debitament notifikati bir-rikors ma ippreżentawx risposta u lanqas ma ppreżentaw nota ta’ sottomissjonjiet kif ġew awtoriżżati jagħmlu fil-verbal tas-6 ta’ Novembru 2013;

Rat illi fl-istess verbal il-kawża tħalliet għas-sentenza dwar il-kap tal-ispejjeż;

**DEĊIŻJONI**

**Il-Qorti, għalhekk, billi l-konventi sporgaw l-ispoll wara li ġew notifikati bl-atti tal-kawża, filwaqt li tastjeni milli tieħu konjizzjoni tal-mertu tal-kawża, tikkundanna lill-konvenuti jħallsu l-ispejjeż kollha tal-kawża.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------